MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 130/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Benjamin sive Benny Mamo**
***… omissis …***
**Rita Cini**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Benjamin sive Benny Mamo u Rita Cini talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

(1) iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta gew ipprezentati, ircevew bihom hlas jew hadu kunsinna ta' oggetti jew gabru depozitu jew rahan minn

ufficcju pubbliku jew minn Bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

(2) xjentement ghamlu uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta gewipprezentati rcevew bihom hlas, jew hadu kunsinna ta' oggetti, jew gabru depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn Bank jew stabbiliment iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

(3) ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' Bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` dokumenti falsifikati tad-Dwana u 'invoices' foloz, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi, wara li kienu iffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew jippruvaw;

(4) xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija hawn fuq;

(5) sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

(6) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamlu qligh b'qerq li jammonta ghal aktar minn Lm1000 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

(7) f'isem il-Kontrollur tad-Dwana akkuzati talli fil-21, 25 u fis-27 ta'April 1994 kif ukoll fis-7 u d-9 ta' Marzu 1994 bhala diretturi u ghan-nom ta' 'Cycle World Limited' ta' 128, Valley Road, Imsida, baghtu jew ippermettew li

jintbaghtu telefax message lid-ditta barranija ‘Daytona’ bil-hsieb li jevadu d-dazju dovut lill-Gvern ta’ Malta; aktar talli xjentement talbu jew ippermettew li tigi mitluba lid-ditta ‘Daytona’ li l-valuri fuq il-fatturi ma jurux il-valur rejali izda ridotti kif hemm indikat fit-telefax message b’konsegwenza li d-ditta ‘Daytona’ baghtet lis-‘Cycle World Limited’ fatturi minn numri 700409 u 700420 datati 15.3.1994 u 18.5.1994 rispettivament; aktar talli l-istess persuni imsemmija hawn fuq ghamlu jew ippermettew dikjarazzjoni falza fid-dokument tad-Dwana ta’ Malta, Duty Entry 147537 u Duty Entry 30939 datati 30.05.1994 u 29.03.1994 rispettivament, f’dak li jirrigwarda valuri rejali, kif ukoll ipprezentaw jew ippermettew li jigu pprezentati wkoll fatturi hawn fuq imsemmija. B’dawn id-dokumenti d-Dwana ta’ Malta rrilaxxjat konsenji ta’ muturi Kawasaki lid-ditta ‘Cycle World Limited’, il-valuri dikjarati huma Lm3217 u Lm6740 meta fil-fatt il-valuri rejali kellhom ikunu Lm4129 u Lm9584, b’dan illi huma evadew dazju dovut lill-Gvern ta’ Malta li jammonta ghal Lm1393, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat u dan bi ksur tal-Artikolu 62(b)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(8) kontra Benjamin sive Benny Mamo bhala Direttur ghan-nom tal-kumpanija ‘Cycle World Limited’, f’isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-02.03.1995 fixkel lill-Ufficjali tad-Dwana fl-ezekuzzjoni ta’ dmirijiethom billi naqas li jaghti informazzjoni rikjesta rigwardanti firem fuq dokumenti tad-Dwana ta’ Malta – bi ksur tal-Artikolu 62(j) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tinfliggi l-pieni skond il-ligi, f’isem il-Kontrollur tad-Dwana, jekk jinstabu hatja, terz tal-piena ta’ flus, jitqiesu fuq talba tal-prosekuzzjoni bhala dejn civili u ghandhom jigu dikjarati mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza, li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bhallikieku nghatat f’azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hatja – dan skond l-Att 62 Proviso tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-1 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 167, 169, 183, 184, 188 u 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 62(b)(g)(h)(i)(k)(m) eskluz is-subinciz (j) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellat Benjamin sive Benny Mamo hati tas-sitt imputazzjoni u tat-tmien imputazzjoni izda sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra u bl-assorbiment ta’ l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet fit-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet, sabet lill-appellata Rita Cini hatja tas-seba’ imputazzjoni izda ma sabithiex hatja ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti u minnhom illiberatha, u kkundannat lil Benjamin sive Benny Mamo tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mija u tmenin euro (580) filwaqt illi kkundannat lil Rita Cini ghall-hlas ta’ multa ta’ elf seba’ mija u erbghin  euro (1,740), ordnat li terz tal-multa, f’kull kaz, titqies bhala dejn civili li ghandu jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, u kkundannathom li jhallsu solidament bejniethom l-ispejjez inkorsi matul il-proceduri fin-nomina ta’ l-esperti fi zmien xahar li jigu notifikati lilhom mir-Registratur tal-Qorti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali minnu prezentat fit-22 ta’ Marzu, 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lil John Mamo mill-imputazzjonijiet kollha, (2) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lil Rita Cini u Benjamin Mamo mhux hatja ta’ l-imputazzjoni numru sitta (3) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lil Rita Cini u Benjamin Mamo hatja ta’ l-imputazzjonijiet kif imsemmija fis-sentenza appellata (4) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Benjamin Mamo tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (5) tirrevokaha u thassarha f’dik il-parti fejn infliggiet lil Rita Cini multa ta’ 1,740 euro u lil Benjamin Mamo multa ta’ 580 euro (6) u minflok tinfliggi l-piena kontra taghhom skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jirrigwarda l-multi nflitti fuq iz-zewg appellati li jghid huma manifestament zbaljati. Skond l-appellant, id-dazju li ghandu jithallas huwa ta' Lm5,074, kwantu ghal Lm1,528 fuq il-fattura numru 700409 u kwantu ghal Lm3,546 fuq il-fattura numru 700420. B'referenza ghall-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellant josserva illi l-piena hi dik ta' multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti. Konsegwentement, jghid l-appellant, il-multa li ghandha tithallas minn Rita Cini hi ta' tliet darbiet Lm5,074, u cioe` Lm15,222 (35,457.72). L-istess fir-rigward ta' Benjamin Mamo.

Fis-seduta tat-28 ta' April 2010 id-difensur ta' l-appellati ssottometta illi ma hemm l-ebda dazju impost fuq oggetti importati mill-pajjizi tal-Komunita` Ewropea, u permezz ta' nota pprezentata fis-17 ta' Mejju 2010 indika s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 337 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fin-nota responsiva tieghu pprezentata fis-26 ta' Mejju 2010 l-appellant irrefera ghal dik il-parti tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 imsemmi li tipprovdi li d-dazji ma japplikawx "sakemm dawn l-oggetti jissodisfaw ir-regoli ta' l-origini kif fis-sehh minn zmien ghal zmien skond xi ftehim maghmul bejn il-Gvern ta' Malta u l-Komunita`". Jghid illi mid-dokumenti JM u CA jidher car li l-pajjiz ta' origini ta' l-oggetti in kwistjoni huwa l-Gappun u ghalhekk dak rikjest fl-artikolu msemmi mhux sodisfatt. Huwa rrefera ghall-Association Agreement bejn Malta u l-Komunita` Ewropea li gie ffirmat mill-Gvern Malti f'Dicembru 1970 u l-Protocols u Dokumenti annessi mieghu, u qal li l-oggetti importati jridu jissodisfaw certu kriterji sabiex effettivament jigu kkunsidrati li ghandhom l-origini taghhom minn pajjiz tal-Komunita` Ewropea. B'mod partikolari, josserva l-appellant, irid jigi pprezentat ic-certifikat EUR 1 li hija l-prova li oggetti huma "originating products" mill-Komunita` Ewropea. F'dan il-kaz l-appellati ma esebew l-ebda EUR 1 lid-Dwana ta' Malta ghax il-muturi li importaw mhumiex

"originating products" mill-Komunita` Ewropea izda mill-Gappun. Barra minn hekk, l-appellant isostni illi ma jaghmilx sens l-argument ta' l-appellati li l-oggetti li importaw ma humiex soggetti ghall-hlas ta' dazju meta effettivament huma hallsu dazju (ghalkemm inqas minn dak dovut).

L-Avukat Generali ghandu ragun. Difatti mill-*invoices* stess (a fol. 50 u 60)  jirrizulta li l-origini tal-muturi importati huwa l-Gappun. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 337 tal-Ligijiet ta' Malta, citat mill-appellati, jghid testwalment :

**"(2) Id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna "*Import Duty*" ma ghandhomx japplikaw ghall-oggetti li jkunu mkabbra, prodotti jew manifatturati fil-Komunita` u li jkunu importati f'Malta jew mahruga mid-depozt ghall-uzu jew konsum f'Malta sakemm dawn l-oggetti jissodisfaw ir-regoli ta' l-origini kif fis-sehh minn zmien ghal zmien skond xi ftehim maghmul bejn il-Gvern ta' Malta u l-Komunità."**

Il-muturi in kwistjoni mhumiex oggetti "mkabbra, prodotti jew manifatturati fil-Komunita`". Konsegwentement mhumiex ezenti mid-dazju, u s-sottomissjoni ta' l-appellati hi respinta.

Issa, kwantu ghall-mertu ta' l-appell ta' l-Avukat Generali li jittratta l-*quantum* tal-multa imposta mill-ewwel Qorti, jinghad l-ewwelnett illi l-ewwel Qorti qieset illi l-piena fi zmien il-kommissjoni tar-reat kienet differenti minn dik meta nghatat is-sentenza, u ghalhekk iddikjarat illi kienet se tapplika dik l-aktar vantagguza, u cioe` dik vigenti fid-data tas-sentenza. Pero` hija mbaghad ghaddiet biex tikkundanna lill-appellata Rita Cini ghall-hlas ta' multa ta' €1,740 u lill-appellat Benjamin Mamo multa ta' €580.

L-Avukat Generali jippretendi li l-multa li ghandha tithallas miz-zewg appellati ghandha tkun ta' €35,457.72. Huwa jibbaza l-kalkolu tieghu fuq il-valuri indikati fid-dokument a fol. 48 li huwa dokument mibghut mid-Dwana Ingliza lid-Dwana Maltija fit-30 ta' Settembru 1994. Din il-Qorti pero`

ma tistax tikkondividi l-pretensjoni ta’ l-Avukat Generali peress illi kemm fl-akkuza originali kif ukoll fil-*letter to prosecute* ( a fol. 14 – 15), id-dazju li gie indikat bhala li gie evaz kien ta’ Lm1,393. Difatti, dan l-ammont jirrizulta mill-komputazzjoni maghmula mid-Dwana u kif rizultanti mid-dokument datat 26 ta’ Novembru 1994 a fol. 71. Huwa minnu li d-dazju totali kellu jkun ta’ Lm5,074, izda minn dak l-ammont l-appellati hallsu Lm3,681, biex b’hekk id-dazju evaz kien ta’ Lm1,393.

Issa, skond l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, min jinstab hati tar-reati indikati, **“jehel ghal kull wiehed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta’ dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), skond liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dak l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew ghal dik il-multa flimkien ma’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn.”**

Peress illi d-dazju evaz kien ta’ Lm1,393 (illum ekwivalenti ghal €3,244.82), tliet darbiet dan l-ammont jigi Lm4,179 (illum ekwivalenti ghal €9,734.46). Ghalhekk kull wiehed mill-appellati ghandu jhallas tali ammont.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellata Rita Cini ghall-hlas ta’ multa ta’ €1,740 u minflok tikkundannaha ghall-hlas ta’ multa ta’ €9,734.46, hekk li terz minn dan l-ammont (ekwivalenti ghal €3,244.82) ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellat Benjamin sive Benny Mamo ghall-hlas ta’ multa ta’ €580 u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ €9,734.46, hekk li terz minn dan l-ammont (ekwivalenti ghal €3,244.82) ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------